**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum l-Erbgha 23 ta` Ottubru 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1285/2019 JZM fl-ismijiet :**

**Il-Kunsill Lokali Pembroke**

**Faces Consultants Limited (C-24388)**

***kontra***

**L-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors fit-<u>23 ta` Settembru 2019</u> fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**<u>il-Mandat</u>**") kontra l-intimata.

Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fit-23 ta` Settembru 2019, tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata, b`sebat ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta ta` nhar il-Hamis 3 ta` Ottubru 2019.

L-intimati pprezentaw risposta fis-27 ta` Settembru 2019 fejn kienet ikkontestata l-fondatezza tat-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2019.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti **talbu** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimata sabiex tinzamm milli :-

***tinstallaw jew tkomplu tinstallaw jew altrimenti toperaw kwalsiijasi bus shelter jew installazzjoni simili jew relatata, inkluzi canopies, monitors ghar-reklamar u/jew vending machines fil-lokalita` ta` Pembroke.*** **(verbatim mir-rikors promotur)**

## III. Il-kwistjoni

**Fil-qosor** il-kwistjoni mertu tar-rikors odjern hija li r-rikorrenti Faces Consultants Limited ghandha kuntratt li ghadu vigenti sal-lum (li jorbot ukoll lir-rikorrent l-iehor Kunsill Lokali Pembroke) li jaghtiha dritt li tistalla u zzomm *bus shelters*. Il-kuntratt huwa dak esebit bhala Dok A u datat 2 ta` Marzu 2001. Dak li-kuntratt sar mal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kien qed jidher ghal numru ta` kunsilli lokali fosthom dak ta` Pembroke. Lista ta` dawn il-kunsilli taghmel parti mill-kuntratt.

Gara li fis-16 ta` Marzu 2018, l-intimata ghamlet ftehim (fol 101 et seq) ma` l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u abbazi tieghu mexxiet biex tqieghed *bus shelter* go St Andrews Road, f`zona li taqa` fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta` Pembroke. Fil-kuntratt tal-2018 ma hemmx lista tal-kunsilli lokali li ghalihom kienet qeghda tidher l-Assocjazzjoni.

Iz-zewg rikorrenti jikkontendu li t-tqqeghid ta` *bus shelter* fejn progettat mill-intimata imur kontra d-drittijiet taaghhom.

Skont l-intimata, fil-prezent, hemm biss *bus shelter* wiehed progettat u cioe` dak in kwistjoni.

Skont ir-rikorrenti, dak li l-intimata kkontrattat mhux se jkun ristrett ghal *bus shelter* wiehed biss. Tikkontendi li l-intimata ma setghetx taghmel il-pass li ghamlet skont il-ligi.

Min-naha taghha, l-intimata tghid li ma ghamlet xejn irregolari.

## IV. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti ("***m`ghandhiex***") u allura hija prekluza *ope legis* milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;

iii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;

iv) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li jgarrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## V. <u>Gurisprudenza</u>

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **<u>mhux</u>** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **<u>hija obbligata</u>** tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb</u> <u>noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha

waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VI. <u>Risultanzi</u>

### 1) <u>Ir-rekwizit tal-jedd *prima facie*</u>

In sostenn tal-posizzjoni taghha f`dan il-procediment, l-intimata pprezentat kopja ta` provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` Mejju 2019 fil-kaz *Faces Consultants Ltd vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta.*

Il-Qorti rat il-provvediment.

Ma tqisx li l-konkluzjoni tal-Qorti f`dak il-kaz tista` tigi estiza u resa applikabbli ghall-kaz odjern billi kif huwa ben evidenti mill-provi li saru f`dak il-procediment l-fatti ta` dak il-kaz kienu fl-essenza differenti minn dawk tal-kaz tal-lum.

Daqstant safejn jirrigwarda dak il-provvediment.

Fil-kaz tal-lum, abbazi tal-kontenut tar-rikors promotur (li kien konfermat bil-gurament), fuq l-iskorta tad-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur, kif ukoll minn dak li jirrizulta mil-Legislazzjoni Sussidjarja 363.79, Avviz Legali 292 tal-2001, partikolarment l-Art 3 u l-Art 4 ta` din il-Legislazzjoni, liema disposizzjonijiet ghadhom fis-sehh, jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom

jedd *prima facie* li jitolbu l-hrug tal-Mandat, stante li t-tqeghid ta` *bus shelter* u xoghol relatat fis-sit in kwistjoni, li kien progettat li jsir mill-intimata, ma jaqax fil-mansjonijiet tal-intimata. Skont l-istess Avviz Legali, l-intimata tistabilixxi biss l-ispecifikazzjonijiet ta` *bus shelters* u tal-manutensjoni taghhom.

**L-ewwel rekwizit jirrizulta ppruvat.**

**2) <u>Ir-rekwiziti ta` l-*htiega*</u>**

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"<u>Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>"** din il-Qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**<u>ara wkoll</u>** : il-provvediment ta` din il-Qorti **<u>PA/AM</u>** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**<u>Borg Grech vs Gasan et noe</u>**")**.**

Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, din il-Qorti ma tqisx li r-rekwizit tal-htiega jista` jigi rimedjat b`azzjoni ghal danni jew xort`ohra. Anke l-intimata stess fir-risposta taghha ma taccenna xejn ghall-possibilita` ta` rimedju alternattiv ghat-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**It-tieni rekwizit jirrizulta wkoll.**

**3) <u>Ir-rekwizit tal-*pregudizzju rrimedjabbli*</u>**

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-

rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli.

Kemm fir-risposta kif ukoll waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-intimata ghamlet l-argument li tant dan ir-rekwizit ma jirrizultax li r-rikorrent Faces Consultants Limited ma ppartecipatx fl-iskema li kienet tnediet mill-intimata RFP009/2016. Ghalhekk issa li l-intimata giet biex twettaq il-progett taghha ma tistax l-istess rikorrenti tintralcja dak il-progett.

Ir-rekwizit tal-hsara rrimedjabbli m`ghandux jigu meqjus fuq l-argument li ressqet l-intimata.

Fil-konsiderazzjoni tar-rekwizit, din il-Qorti tghid li f`kaz bhax-xorta ta` dak tal-lum jekk l-intimata ma tkunx inibita bil-mod kif qieghed jintalab, in-natura tal-pregudizzju li jgarrbu r-rikorrenti, specjalment Faces Consultants Limited, fl-ezekuzzjoni tal-jedd *prima facie* jkun tali li kwazi kwazi jigri li dak il-jedd jigi fix-xejn ghaliex fil-kuntest tieghu dak il-jedd prattikament jintilef. Li ma tkunx akkolta t-talba ghall-hrug tal-Mandat tiftah xenarju ta` litigazzjoni li tkun tinvolvi persuni ohra (mhux il-partiujiet) b`esitu u konsegwenzji difficilment prevedibbli.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimata kif dedotta fir-rikors taghha tat-23 ta` Settembru 2019. Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**